MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 534/2008

**Josephine Ann sive Joann Pisani mart Anthony Pisani u Carren Azzopardi**

**Vs**

**Dr Anthony Cutajar u PL Liliana Buhagiar li b-digriet tas-7 ta’ Frar 2008 gew nominati kuraturi sabiex jirraprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Philip Azzopardi u Bouchra Driss Alami ghal kull interess li jista’ ghandha**

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tal-porzjon rizervata mill-wirt ta’ missierhom Philip Azzopardi li miet fit-28 ta’ Ottubru 2007. Mill-atti jidher li d-decujus kien isseparat minn ma’ martu Teresa Azzopardi u kellu relazzjoni mal-konvenuta. Fit-testment li ghamel fis-17 ta’ Awissu 2004 fl-atti tan-nutar Jonathan Zammit, halla lill-atturi bhala l-werrieta tieghu. Jirrizulta li permezz ta’

dikjarazzjoni li saret fit-18 ta’ Jannar 2008 quddiem il-qorti volontarja, l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta’ missierhom u rrizervaw id-dritt li jitolbu l-porzjon rizervata. Fl-imsemmi testment l-attur halla b’legat lil Bouchra Driss Alami:-

i. Il-fond 45, Triq Lanzon, Tarxien li ddikjara li jikkonsisti f’garaxx u maisonette fuq. Il-qorti tifhem li fid-data tal-mewt kien fadal biss il-garaxx, mehud in konsiderazzjoni li fir-rapport ex parte li pprezentaw l-atturi (Dok AA) jinghad li l-fond hu *“.... garage ghal karozzi privati li fih jistghu jitpoggew erba karozzi. Fuq wara tal-garage hemm bitha zghira.* ***Dan il-garage huwa sottopost ghal proprjeta ta’ haddiehor.”*** (ara wkoll nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi fl-24 ta’ Jannar 2011).

ii. l-uzu u uzufrutt tal-fond 136, Triq Kent, Fgura li jikkonsistu f’dar u garaxx, u l-effetti mobbli kollha li hemm fil-fond *“...... inkluz kwalunkwe ghamara, inkwadri, oggetti ta’ ceramika, fajjenza u bjankerija, u kwalunkwe flus kontanti li jkunu jinsabu fl-imsemmija dar.”*.

Il-wirt ta’ Philip Azzopardi hu rapprezentat minn kuraturi li wiegbu li m’humiex edotti mill-fatti.

Il-konvenuta l-ohra ipprezentat risposta fl-24 ta’ Frar 2009 li permezz taghha ssostni:

1. In-nullita tar-rikors ghaliex il-mejjet m’ghandux x’jaqsam’ ma ulied Anthony Grima u Carmelo Grima (eccezzjoni li giet irtirata fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2009 li saret quddiem Dr Tiziana Filletti).
2. Is-sehem rizervat ghandu jinqasam bejn l-ulied kollha.
3. Il-legati ghandhom jigu salvagwardati u trattati bil-mod li trid il-ligi.
4. Irid jittiehed kont tal-passiv li hemm fil-wirt u hemm mobbli li ma jappartjenux lill-wirt.
5. L-ahhar zewg talbiet ma jistghux jintlaqghu ghaliex l-effetti tal-mandat jintemmu mad-decizjoni tal-kawza.
6. Il-kawza ma saritx minhabba nuqqas taghha u m’ghandix taghmel tajjeb ghall-ispejjez.

Il-parti attiva tal-wirt ta’ Philip Azzopardi kien jikkonsisti fis-segwenti:-

i. 136, Triq Kent, Fgura ……………………………€63,000 skond ir-rapport tal-perit

tekniku Godwin Abela. Fir-rapport jinghad li *'Il-fond hu mizmum b'titolu liberu w frank pero suggett ghall-uzufrutt favur Bouchra Drisi Alami li ghandha hamsa u erbghin sena. Wara li ha in konsiderazzjoni l-aspetti kollha li setghu jincidu fuq il-valur tal-immobbli in kwistjoni…..'*.

ii. 45, Triq Lanzon, Tarxien………………………..€28,000 skond ir-rapport tal-perit tekniku Godwin Abela.

iii. Mobbli…………………………………………………... €3,250 skond ir-rapport tal-perit tekniku Pierre Grech Pillow. Ma tressqet l-ebda prova li fost il-mobbli elenkati fir-rapport tal-perit gudizzjarju hemm xi whud li m'humiex parti mill-wirt ta' Azzopardi.

iv. €1,694 li thallset lill-konvenuta ghal xoghol li kien ghamel id-decujus (ara dikjarazzjoni datata 5 ta' Dicembru 2008 Dok. BB).

v. Cens perpetwu ta' €58.23 fuq hanut, fi Triq San Tumas, Fgura (att tal-4 ta' Jannar 1990 atti nutar Dr J. Sciberras) li kapitalizzat bir-rata ta' 5% jaghti total ta' €1164.6 ghal finijiet ta' kalkolu tas-sehem rizervat. Skond ma ddikjaraw l-atturi dan ic-cens gie mifdi.

vi. Kreditu ta' €6,871 skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-26 ta' Ottubru 1999. Mill-atti jirrizulta li permezz ta' nota prezentata minn Philip Azzopardi fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-atti tal-bejgh bl-irkant 119/2005, dahal biex jippartecipa. Jirrizulta li fis-6 ta' Novembru 2006 kien ipprezenta ittra ufficjali biex jirrendi t-titolu ezekuttiv ezegwibbli, u nterpella lil Vincent Busuttil sabiex ihallas din is-somma flimkien mal-imghax. Ma tressqux provi li d-dejn thallas u ghalhekk il-qorti ser tinkludi dan il-kreditu fil-kalkoli li jridu jsiru.

Min-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi, jirrizulta li qeghdin jaqblu mal-istimi li saru mill-periti gudizzjarji.

Dwar ic-cens perpetwu ta' €34.94 fuq garaxx fi Triq Kent, Fgura bl-isem Charles (att tas-17 ta' Ottubru 1991 atti nutar Dr George Cassar), ma giex inkluz fil-wirt tad-decujus in kwantu fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi li l-hlas tac-cens dovut lid-decujus.

Ghal dak li jirrigwarda l-attiv il-valur hu ta' **€103,980**.

Ma tressqux provi li fil-wirt hemm xi passiv.

Peress li Azzopardi miet wara li dahlu fis-sehh l-emendi ntrodotti bl-Att XVIII tal-2004, is-sehem rizervat hu kreditu

kontra l-patrimonju tal-mejjet (Artikolu 615(2) tal-Kodici Civili).

Is-sehem rizervat hu ta' 1/3 tal-valur tal-wirt, li maqsum bejn tnejn (mill-atti jirrizulta li d-decujus kellu biss zewgt itfal, cjoe l-atturi) jaghti total ta' **€17,330** lil kull wahda mill-atturi.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-attiv tal-wirt ta' Philip Azzopardi hu dak li jissemma hawn fuq.**

**2. Tikkundanna lil Dr Anthony Cutajar et nomine bhala kuraturi tal-wirt battal ihallsu lil kull wiehed mill-atturi s-somma ta' sbatax-il elf tlett mija u tletin ewro (€17,330) bhala s-sehem rizervat li huma ntitolati ghalih mill-wirt ta' missierhom, flimkien mal-imghax mid-data tal-mewt ta' Philip Azzopardi (28 ta' Ottubru 2007).**

**3. Fl-ewwel lok, tawtorizza lill-atturi sabiex jirtiraw kwalsiasi flejjes li jistghu jkunu depozitati fil-qorti u li jappartjenu lill-wirt ta' Philip Azzopardi, bhala hlas akkont tal-ammont li hu dovut lilhom sal-ammont dovut lil kull wahda minnhom.**

**4. Fit-tieni lok, tordna l-bejgh bl-irkant:-**

**a. Tal-fond 136, Triq Kent, Fgura kif soggett ghall-uzufrutt favur il-konvenuta Bouchra Driss Alami ;**

**b. Tal-vettura Maruti EAZ 067 li giet stmata li ghandha valur ta' tmien mitt ewro (€800), u taz-zewg vetturi Morris Marina li gew stmati li ghandhom valur ta' mitejn ewro (€200) kull wahda ;**

**sabiex mir-rikavat jithallas il-kreditu li ghandhom l-atturi. Tali hlas ghandu jsir mill-kuraturi tal-wirt battal.**

**5. Fit-tielet lok fl-eventwalita li wara l-bejgh fuq imsemmi ikun ghad fadal xi bilanc dovut lill-atturi, tordna l-bejgh bl-irkant tal-fond 45, Triq Lanzon, Tarxien bil-mobbli ta' go fih li jissemmew fir-rapport li ghamel il-perit gudizzjarju Pierre Grech Pillow. Tali hlas ghandu jsir mill-kuraturi tal-wirt battal.**

**6. Tordna li ghal finijiet tal-irkanti l-offerti jsiru a bazi tal-istimi li nghataw mill-perit tekniku Godwin Abela u l-perit tekniku Pierre Grech Pillow.**

**7. Tichad is-sitt u sebgha talba tal-atturi in kwantu m'huwiex possibbli li mandat ta' inibizzjoni jigi konfermat b'mod indefinit. Spejjez relatati ma' dawn iz-zewg talbiet jibqghu a karigu tal-atturi.**

**L-ispejjez tal-atturi, salv ghal dawk li jissemmew hawn fuq, ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-wirt ta' Azzopardi. Il-wirt ta' Azzopardi ghandu jaghmel tajjeb ukoll ghall-ispejjez tal-konvenuta l-ohra. Id-dritt tal-kuraturi ghandu provizorjament jithallas mill-atturi li mbaghad ikollhom dritt li jirkupraw il-hlas mir-rikavat tal-bejgh li jrid isir biex jircievu l-hlas tas-sehem rizervat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------